# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru   9**

**Avviz  numru   1442/00/SM**

**Francis Busuttil & Sons Ltd.**

**vs**

**Cheryle Ogilvie**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija u sebgha u tmenin lira u ghoxrin centezmu (LM787.20,0), rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata f'diversi okkazjonijiet, mis-socjeta' attrici fuq ordni taghha.  Bl-imghax mid-9 ta' Marzu 1999;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2000 u tal-Mandat ta' Qbid presentat kontestwalment kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija personalment qatt ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, u kwalunkwe relazzjoni illi seta' kien hemm in konnessjoni man-negozju riferit fit-talbiet attrici, kienet mas-socjeta' Clouds Catering Limited, kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semgeht ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' attrici kienet tbiegh lill-konvenuta merkanzija, (ikel u xorb alkoholiku), li l-istess konvenuta kienet tikkommercjalizza minn zewg hwienet minnha gestiti;**

2. **Illi minn informazzjoni skritta karpita mis-socjeta' attrici l-istess konvenuta kienet indikat lilha nnifisha bhala s-sid ta' fond li fih kienet tircievi l-konsenji tal-merca minnha mixtrija, u li hi personalment kienet il-klijent ta' l-istess socjeta';**

**3. Illi l-ammont meritu tal-kawza odjern hu bilanc dovut mill-konvenuta ghall-konsenja ta' merkazija mis-socjeta' attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi u fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil Cheryle Ogilvie biex thallas lil Francis Busuttil and Sons Limited l-ammont ta' seba' mija u seba' u tmenin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (LM787.20,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-ittra ufficjali tal-11 t'April tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**